MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 69/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stefania sive Stephania sive Stephanie Mifsud**
**Stephen Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stefania Mifsud u Stephen Mifsud talli:

Lil Stephen Mifsud

Nhar-it 3 ta' Gunju u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmula minnu b'rizoluzzjoni wahda, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni minuri ta' Josef El-Shini, Dilian Mifsud u Tania Mifsud skond kif iccertifikaw Dr. Simon Attard Montalto

MBchB. M.D. u Dr. J. Abela MD, u dan ai termini tal-artikoli 221 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Stefania Mifsud

(1) Nhar-it 3 ta' Gunju 2002 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula minnha b'rizoluzzjoni wahda, kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' tliet uliedha Josef El-Shini, Dilian Mifsud u Tania Mifsud skond kif iccertifikaw Dr. Simon Attard Montalto MBchB. M.D. u Dr. J. Abela MD, billi b' xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lil Stephen Mifsud fl-atti tad-delitt li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u dan kollu bi ksur tal-artikoli 214, 218 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll Artikolu 42(d), 45(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) meta kienet fid-dmir li tiehu hsieb il-wild taghha, u cioe` naqset li taghmel dan bi ksur tal-artikolu 339(j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-istess zmien u cirkostanzi abbandunat jew halliet esposti lill-istess uliedha Josef El-Shini, Dilian Mifsud u Tania Mifsud li huma minuri u ta' eta` anqas minn seba' snin, u dan bi ksur ta' l-artikolu 246 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tittratta ma' l-imsemija Stefania Mifsud bhala recidiva fuq diversi sentenzi li gew moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni tal-minorenni Josef El-Shini, Dilian Mifsud u Tania Mifsud taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221, 18, 214, 218, 42(d), 45(c), 339(j) u 246 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Stefania Mifsud hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront taghha salv

ghal dik ta' recidiva mil-liema imputazzjoni giet liberate, u kkundannatha piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal tliet snin ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll poggietha taht *supervision order* matul l-operat tas-sentenza sospiza. Sabet lill-imsemmi Stephen Mifsud hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu sitt xhur prigunerija. Inoltre, ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannathom ihallsu l-ispejjez kollha nvoluti fil-hatra tal-psikologa Carmen Sammut fl-ammont ta' mitejn erbgha u tmenin euro (€284) *in solidum* bejniethom fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata, u jekk jonqsu milli jhallsu dan l-ammont il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata prigunerija ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmi (€11.65) dovuti. L-istess Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imsemmija Stefania Mifsud fuq il-mezzi kollha tax-xandir, u dan fl-interess tal-minuri;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-5 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija kontra Stephania Mifsud u Stephen Mifsud; (2) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti (i) ma sabitx lil Stefania Mifsud hatja ta' recidiva u (ii) applikat il-piena, u wara li ssib lil Stefania Mifsud hatja tar-recidiva, tinfliggi kontra z-zewg appellati l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell ta' l-Avukat Generali jirrigwarda l-piena nflitta fuq iz-zewg appellati u li jghid hija taht il-*minimum* preskritt mil-ligi.

L-appellant jirreferi l-ewwelnett ghall-piena nflitta fuq l-appellat Stephen Mifsud u jghid li l-piena kkontemplata ghall-offiza ta' natura hafifa hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa skond l-artikolu

221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Peress li l-appellat instab hati ta’ reat kontinwat, din il-piena tista’ tizdied bi grad jew tnejn fil-konfront ta’ minuri wiehed. Mis-sentenza appellata, jghid l-appellant, jidher li l-ewwel Qorti erogat piena ta’ tliet xhur prigunerija mizjuda bi grad wiehed fil-konfront ta’ minuri wiehed, meta l-appellat gie akkuzat li kkommetta diversi offizi fi zminijiet differenti fuq tliet minuri u ghaldaqstant kellu jigi applikat l-artikolu 17(b) ta’ l-istess Kap. 9. Skond l-appellant, l-appellat kellu minhabba c-cirkostanzi jehel il-piena massima ta’ tliet xhur prigunerija mizjuda b’zewg gradi li titla’ ghal disa’ xhur prigunerija biz-zieda ukoll ta’ bejn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra ta’ l-offizi kommessi fuq iz-zewg minuri l-ohra.

L-appellant huwa tal-fehma li dan l-argument iregi fil-konfront ta’ l-appellata wkoll. Fil-kaz taghha mbaghad hemm l-imputazzjonijiet l-ohra li ma haditx hsieb lill-imsemmija uliedha u li abbandunathom jew halliethom esposti. Fil-kaz ta’ abbandun, skond l-artikolu 246 tal-Kap. 9 il-piena minima hija ta’ sebgha xhur prigunerija.

L-appellant isostni illi l-appellati gew mixlija li wettqu r-reati msemmija fl-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ tliet minuri u dawn l-imputazzjonijiet ma jistghux jinqraw kumulattivament. Il-kondotta taghhom vvjolat l-artikoli tal-Kodici Kriminali ghal aktar minn darba kemm fil-konfront ta’ kull minuri kif ukoll fi drabi differenti. Hekk gew akkuzati quddiem l-ewwel Qorti. L-ghazla tad-dicitura fl-imputazzjonijiet intaghzlet biss ghall-fini ta’ speditezza. Ghalhekk, jinsisti l-appellant, il-piena ghandha tkun hekk kif ravvizata fil-ligi.

Minghajr pregudizzju ghal dan kollu, l-Avukat Generali jghid li mid-dicitura tas-sentenza appellata jidher car illi l-ewwel Qorti kkalibrat il-piena b’mod relattiv ma’ dak li dehrilha li kienu l-parametri tal-piena komplessiva. Tenut kont li, fil-fehma ta’ l-appellant, il-komputazzjoni maghmula kienet wahda erroneja, il-konsegwenti relattivita` bejn il-gravita` oggettiva tal-kaz u l-parametri tal-piena kif spjegat minnu, giet storpjata b’mod li l-piena erogata ma tirriflettix tali gravita` in kwantu kienu tliet minuri ta’ eta` tenera u mhux minuri wiehed li sofrew dan

l-abbuz fiziku. Dan il-fatt, skond l-appellant, ma nghatax il-konsiderazzjoni li kellu jinghata mill-ewwel Qorti u ghalhekk il-piena kienet wahda mtaffija zzejjed.

Il-kwistjoni mqajma mill-Avukat Generali tiddependi minn jekk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati ghandhomx jitqiesu separatament fir-rigward ta' kull soggett passiv, cioe` separatament fir-rigward ta' kull wiehed mit-tliet minuri. Hawn ghalhekk din il-Qorti sejra tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tat-18 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** kif citata fis-sentenza ta' din il-Qorti (gurisdizzjoni superjuri) tat-13 ta' Mejju 1998:

"Issa, huwa principju stabbilit kemm fil-gurisprudenza kif ukoll skond certa duttrina li meta si tratta ta' reati kontra l-persuna – u r-reat ikkontemplat fl-artikolu 249 hu delitt kontra l-persuna – ikun hemm invarjabbilment diversita` ta' reati b'mod li addirittura tigi eskluza anke l-figura tar-reat kontinwat. Infatti, din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-28 ta' Frar 1939 fl-ismijiet **Il-Maesta` Tieghu r-Re vs Vincenzo Grima et**, presjeduta mill-Prim Imhallef Sir Arturo Mercieca u sedenti mieghu l-Imhallfin Ganado u Harding, kienet qalet hekk in materja:

"'Illi ghalkemm, bhala regola, l-identita` tas-suggett passiv ma teskludix dejjem il-pluralita` ta' reati u lanqas id-diversita` tas-suggetti passivi ma hija dejjem argument biex teskludi r-reat kontinwat, pero` gie ritenut fid-dottrina … illi meta si tratta ta' reat kontra persuna, allura d-diversita` tas-suggett passiv teskludi dejjem u f'kull kaz il-kuncett ta' reat kontinwat. Jispjega l-Impallomeni illi min jesplika l-azzjoni tieghu delittwuza fuq persuni diversi huwa animat minn tant kawzi specjali u tant finijiet kemm huma l-persuni u fejn hemm kawzi u finijiet distinti hemm rizoluzzjonijiet kriminuzi distinti u mhux rizoluzzjoni kriminuza wahda, anke jekk l-azzjoni delittwuza tigi esplikata fuq persuni diversi. Fl-istess kuntest ta' zmien hemm kontemporaneita` ta' rizoluzzjonijiet kriminuzi diversi, izda mhux rizoluzzjoni kriminuza wahda … F'dana l-insenjament jitqiesu bhala reati kontra l-persuna mhux

biss dawk proprjament hekk imsejhin, izda anke dawk li jolqtu attributi ohra tal-persuna bhalma huma l-unur, il-misthija, il-liberta`, ecc.’

“Dana l-insenjament ta’ din il-Qorti jidher li gie, bhala regola, dejjem segwit. Huwa veru li hemm duttrina ohra, li l-esponent principali taghha kien il-Crivellari, li pero` ma tantx jidher li sabet favur f’dawn il-Qrati. Ghandu jinghad ukoll li l-gurisprudenza aktar recenti tal-Kassazzjoni Taljana dwar l-artikolu 81 tal-Kodici Penali Taljan, li t-tieni inciz tieghu jinkorpora l-istess kuncett ta’ reat kontinwat bhalma wiehed isib fil-ligi taghna, hi fis-sens li jista’ f’certi kazijiet ikollok il-figura tar-reat kontinwat anke meta si tratta ta’ diversi persuni bhala s-suggetti passivi tar-reat (ara f’dan is-sens Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*, Giuffre (Milano), 1989, p.459). Ikun ghalhekk jispetta ghall-Imhallef li jippresjedi l-guri li se mai jindirizza lill-gurati dwar jekk ir-reati addebitati fis-seba’ kap u fit-tmien kap ghandhomx jitqiesu bhala reat wiehed kontinwat o meno, u dan, naturalment, ikun jiddependi mill-fatti kif talvolta jirrizultaw.”

Antolisei fil-fatt jghid[1]:

“In passato si e` sostenuto che il reato continuato rimane escluso dalla diversita` dei soggetti passivi. Ora la dottrina puo` ritenersi concorde nell’opinare che tale diversita` di per se` non rende impossibile la continuazione,d ato che l’art. 81 del codice esige unicamente l’identita` della disposizione violata. Solo allorche` la diversita` della vittima esclude l’unicita` del disegno criminoso, non si avra` il reato continuato. Per tal modo sara` responsabile di omicidio continuato colui che, in base ad un preciso programma, uccida successivamente, per identico fine, vari membri di una famiglia.”

Issa, mill-atti jirrizulta li fil-25 ta’ Frar 2008 l-appellata Stefania Mifsud rregistrat ammissjoni u talbet li jsir *pre-sentencing inquiry report*, liema talba giet milqugha mill-ewwel Qorti li nnominat lil Miriam Sevasta biex thejji tali

[1] Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre (1969), p. 410.

rapport. Fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 2009, Dottor Veronique Dalli ghall-appellata ghamlet referenza ghall-ammissjoni ta’ l-appellata u ghar-rapport ta’ Miriam Sevasta.

Kwantu ghall-appellat Stephen Mifsud, dan irregistra ammissjoni ghar-reat *ut sic*, cioe` dak taht l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda mhux bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 ta’ l-istess Kap. 9. L-ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-provi, ikkonkludiet li kien hati kif akkuzat peress illi “mix-xhieda prodotti jirrizulta bla ombra ta’ dubbju li kkaguna feriti fuq il-minuri, ghalkemm ilkoll ta’ natura hafifa, u dan matul medda ta’ zmien, kif del resto kkonfermaw Pauline Pisani, Maria Mifsud u Alice Mifsud”.

Din il-Qorti wkoll ezaminat il-provi. Minn dawn il-provi fil-fatt jirrizulta li t-tliet minorenni Josef El-Shini, Deelian (skond ic-certifikat tat-twelid) Mifsud u Tania Mifsud kienu lkoll vittmi ta’ swat. Dan johrog car mix-xiehda ta’ Pauline Pisani u ta’ Alan Seisun li kienu ghamlu zmien jghixu fl-istess residenza ma’ l-appellati. Jirrizulta sodisfacentement li l-appellat kien isawwat lit-tlieta li huma, b’dan illi l-aktar wiehed li jidher li kien jissawwat kien Deelian. Inoltre dan ma kienx kaz ta’ darba. Hemm prova cara ta’ dan mill-ezami mediku li sar fuq it-tfal. Fil-fatt kellhom offizi li kienu saru fi zminijiet differenti, u dan seta’ jinghad minhabba l-istadju ta’ fejqan tad-diversi offizi riskontrati mit-tobba.

Kull wiehed mill-minorenni ghandu d-drittijiet tieghu personali ta’ inkolumita` li huma salvagwardati mil-ligi. Is-swat ma kienx isir bhala xi punizzjoni kollettiva, izda fuq kull wiehed minnhom f’cirkostanzi differenti u tul medda taz-zmien. Ghalhekk, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati ghal ksur ta’ l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 (fir-rigward ta’ l-appellata bhala komplici) iridu jitqiesu bhala imputazzjonijiet separati u distinti fir-rigward ta’ kull wiehed mill-minorenni, bl-applikazzjoni f’kull kaz ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9.

Il-piena skond l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 hi dik ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-

multa. Is-serjeta` tal-kaz tiddetta kemm li tkun applikata piena ta’ prigunerija kif ukoll li f’kull kaz jigi applikat l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Din il-Qorti sejra pero` taghmel distinzjoni fil-pieni applikabbli skond dak li rrizulta mill-provi. Hekk fil-kaz ta’ Deelian, meta ezaminat mit-tobba kien hemm evidenza li dan kellu “belt-induced injury” u anke zewg offizi li kienu jidhru kawzati minn sigaretti. Fil-kaz ta’ Josef El-Shini (skond ic-certifikat tat-twelid El-Shemy) ukoll jidher li kien hemm “belt-induced injury”. Ghalhekk il-piena ta’ prigunerija fejn is-soggett passiv tar-reat kien Deelian Mifsud qed tigi determinata, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 fil-perijodu ta’ disa’ xhur, dik fejn is-soggett passiv kien Josef El-Shemy qed tigi determinata, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9, fil-perijodu ta’ hames xhur, filwaqt illi dik fejn is-soggett passiv kienet Tania Mifsud qed tigi determinata fil-perijodu ta’ tliet xhur. Kwindi, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, il-piena komplessiva ghandha tkun dik ta’ 9 + (1/2 x 5) + (1/2 x 3) = 13-il xahar. Din il-piena se tigi applikata fil-konfront ta’ l-appellat Stephen Mifsud.

Fil-kaz ta’ l-appellata, hija giet akkuzata wkoll bi ksur ta’ l-artikolu 246 tal-Kap. 9 u ta’ l-artikolu 339(j) tal-Kap. 9. Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 339(j) ghandu jitqies assorbit fir-reat ikkontemplat fl-artikolu 246. Ghall-finijiet ta’ l-artiklu 17(b) tal-Kap. 9, ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 246 – in vista tal-piena applikabbli – huwa r-reat l-aktar gravi. Il-piena komplessiva fir-rigward ta’ l-appellata qed tigi determinata fil-perijodu ta’ erbatax-il xahar prigunerija.

L-appellant Avukat Generali fil-konfront ta’ l-appellata jsostni wkoll illi stante li kienet irregistrat ammissjoni, l-ewwel Qorti ma kellhiex tidhol fil-mertu sabiex tara jekk l-imputazzjoni ta’ recidiva kinitx pruvata jew le, u dan ghax meta l-appellata rregistrat ammissjoni, hija ammettiet anke l-imputazzjoni tar-recidiva.

Huwa minnu illi meta l-appellata rregistrat ammissjoni, ma semmiet xejn dwar il-fatt li kienet qed tigi imputata lilha r-recidiva. Ciononostante huwa evidenti mill-fedina penali ta’ l-appellata li l-ewwel Qorti kellha quddiemha, u dik aggornata esebita quddiem din il-Qorti – li baqghet l-istess

– li l-appellata kellha biss kaz wiehed li dwaru nstabet hatja u li jirrisali ghall-31 ta’ Mejju 1995 li dwaru kienet inghatat *conditional discharge* skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152. Dan ifisser li l-appellata lanqas setghet tigi addebitata bir-recidiva *ab initio*. Difatti, dikjarazzjoni ta’ htija taht dik il-ligi, u llum taht il-Kap. 446, ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta’ htija ghal ebda fini li jkun hlief ghar-ragunijiet imsemmija fil-ligi. U r-recidiva mhix raguni msemmija fil-ligi. Kwindi din it-talba ta’ l-Avukat Generali qed tigi michuda.

Konsegwentement, u wara li din il-Qorti ezaminat ir-rapport ta’ l-ufficjal tal-probation Miriam Sevasta pprezentat quddiem l-ewwel Qorti u semghet l-istess Miriam Sevasta kif ukoll lil Graziana Sciberras, ma ssib l-ebda raguni biex l-piena ta’ prigunerija fil-konfront ta’ l-appellata ma tibqax sospiza bhalma kienet iddecidiet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellata Stefania Mifsud ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal tliet snin u minflok tikkundannaha ghal prigunerija ghal perijodu ta’ erbatax-il xahar liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tliet snin millum hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellat Stephen Mifsud ghal piena karcerarja ta’sitt xhur u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tlettax-il xahar, u tikkonfermaha fil-bqija, b’dan illi l-perijodu operattiv ta’ tliet snin ta’ l-ordni ta’ supervizjoni maghmula mill-ewwel Qorti fil-konfront ta’ l-appellata Stefania Mifsud jibda jiddekorri millum.

Din il-Qorti spjegat lill-appellata bi kliem car ir-responsabbilta` taghha taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-ufficjal sorveljanti Miriam Sevasta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------